II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/1983

tal-15 ta' Novembru 2021

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 tat-18 ta' Jannar 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 442/2011 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 32(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Jannar 2012, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 36/2012.

(2) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni fis-Sirja, u meta jitqies t-tibdil reċenti fil-Gvern Sirjan, jenħtieġ li jiżdiedu erba' persuni mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012. L-informazzjoni relatata ma' ħames persuni diġà elenkati fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 jenħtieġ li tiġi aġġornata.

(3) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 36/2012 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 huwa emendat kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 16, 19.1.2012, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Novembru 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
J. BORRELL FONTELLES

ANNESS

L-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-persuni li ġejjin jiżdiedu mal-lista li tinsab fit-Taqsima A (“Persuni”):

	Isem	Informazzjoni ta’ identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
‘312.	Amr SALEM (عمرو سالم)	Data tat-twelid: Jannar 1958; Post tat-twelid: Damasku, is-Sirja; Sess: raġel	Ministru għall-Kummerċ Intern u l-Protezzjoni tal-Konsumatur. Maħtur f’Awwissu 2021. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	15.11.2021
313.	Boutros AL-HALLAQ (بطرس الحلاق)	Post tat-twelid: Il-kampanja ta’ Damasku, is-Sirja; Sess: raġel	Ministru għall-Informazzjoni. Maħtur f’Awwissu 2021. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	15.11.2021
314.	Mohammad SEIFEDDINE (magħruf ukoll bħala Seif Eddin, Seif El Din) (محمد سيف الدين)	Sess: raġel	Ministru għax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali. Maħtur f’Awwissu 2021. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	15.11.2021
315.	Diala BARAKAT (ديالا بركات)	Data tat-twelid: 1980; Sess: mara	Ministru tal-Istat. Maħtura f’Awwissu 2021. Bħala Ministru tal-Gvern, tikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.’	15.11.2021

(2) Fit-Taqsima A (Persuni), l-entrati li ġejjin huma sostitwiti kif ġej:

	Isem	Informazzjoni ta’ identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
‘167.	Dr. Jassem Mohammad ZAKARIA (magħruf ukoll bħala Mohamed, Muhammad, Mohammed, Jasem)	Data tat-twelid: 1968 Sess: raġel;	Eks Ministru għax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2012

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
229.	Abdullah ABDULLAH (عبدالله عبدالله)	Data tat-twelid: 1956; Sess: raġel	Ministru tal-Istat. Maħtur f'Awwissu 2021. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	14.11.2016
259.	Imad Abdullah SARA (عماد عبدالله صارة)	Data tat-twelid: 1968; Post tat-twelid: Damasku, is-Sirja; Sess: raġel	Eks Ministru għall-Informazzjoni. Maħtur f'Jannar 2018. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	26.2.2018
296.	Talal AL-BARAZI (magħruf ukoll bħala Barazi) (طلال البرازي)	Data tat-twelid: 1963; Post tat-twelid: Il-belt ta' Hama, is-Sirja; Sess: raġel	Eks Ministru għall-Kummerċ Intern u l-Protezzjoni tal-Konsumatur. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2020
309.	Malloul (magħruf ukoll bħala Maloul) HUSSEIN (magħruf ukoll bħala AL-HUSSEIN) **(ملول حسين)**	Data tat-twelid: 1950; Post tat-twelid: Il-Governorat ta' Al-Hasakah, is-Sirja; Sess: raġel	Eks Ministru tal-Istat. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	6.11.2020"